**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 01/24**
**Data:** It-Tnejn, 8 ta' Jannar 2024
**Ħin:** 5:54pm
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku (Mis-6:10hrs)
Amanda Abela - Kunsilliera (Mis-6:03pm)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera (Mis-6:46pm)
Gesmond Baldacchino - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier (Mis-6:09pm)
Roderick Caruana - Kunsillier (Sat-8:00pm)
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **01.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **01.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **01.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **01.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **01.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;** |
| **01.06** | ***Performance Bonus* tal-ħaddiema;** |
| **01.07** | **Laqgħa Pubblika;** |
| **01.08** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **01.09** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **01.10** | **Mozzjonijiet; u** |
| **01.11** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**01. 1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 1. 1 | | | Ma kinx hemm ittri ta' apoloġiji mressqa waqt din is-seduta. | |

**01. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Baldacchino<br>Sekondant: Chircop | Il-Minuti 12/23 inqraw u ġew approvati nem.con. B'din il-korrezzjoni. | |
| | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li fil-laqgħa ta' qabel kellha bżonn titlaq fis-6:30pm peress li din ma tniżżlitx mal-minuti 12/23. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**01. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 2 | 2 | 12.04.04 | Chircop: Kunċert tal-Milied | Chircop qal dan sar u kien hemm attendenza tajba ħafna. Attenda wkoll l-Eċċellenza tiegħu President ta' malta u s-Sinjura tiegħu kif ukoll l-Onor Owen Bonnici. Irringrazzja b'mod speċjali lis-Surmast Ray Sciberras għall-mużika sabiħa li ndaqq kif ukoll lis-seba' mużiċisti ġodda li daqqew għall-ewwel darba mal-Orkestra Carlo Diacono. Ħadu sehem ukoll t-tfal tal-aprroċċa bi play. Ġew preżentati t-trofej Karlu Diacono lis-Sur Andrew Fenech mill-Għaqda Mużikali Beland kif ukoll is-Sur Luca Borg mill-Għaqda Banda Żejtun. Is-Sindku qalet prosit tal-organizzazjoni u kellha ftaħir dwar dan għax kienet mexxejja. Ġie mfakkar ukoll il-226 sena minn meta ż-Żejtun ingħata titlu tal-Belt Beland. | Chircop |
| 01. | 2 | 3 | 12.04.06 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop qal li dan ser isir fid-19 ta' Marzu u n-nomini ser jiftħu għada u jagħlqu fit-3 ta' Frar. Ser isir il-Konkors Letterarju maqsum fuq erba' kategoriji u ser jingħataw premju ta' €50 kull rebbieħ. Il-kategoriji huma Poeżija, Djalett, Kitba b'Malti Standard u Xogħol Letterarju tat-Tfal. Iridu jiġu nominati wkoll għall-Anzjanita' Attiva' , Sportiv tas-Sena, Fjamma Żgħażugħa, Wirt Storiku u Premju Akkademiku. | Chircop |
| 01. | 2 | 4 | 12.02.16 | Chircop: Triq Anġlu Grima | Chircop qal li dwar dan bagħtna korrispondenza lil TM. Dawn talbuna dettalji ta' kif kienet bħala *traffic management* imma għadna bla risposta. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 01. | 2 | 5 | 12.02.19 | Fenech: Problema tal-ħamiem | Fenech staqsiet fiex wasalna dwar dan. Is-Sindku qalet li intbagħtet imejl lis-Segretarju Parlamentari imma għadna bla risposta. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 01. | 2 | 6 | 12.02.28 | Chircop: Roundabout fi Triq tal-Barrani | Chircop staqsa jekk smajniex xi ħaġa dwar dan. Is-Sindku qalet li r-risposta hija vaga mingħajr dettalji. | Chircop |
| 01. | 2 | 7 | 12.02.15 | Sindku: Problema mill-Maltapost Hub | Is-Sindku qalet li dwar dan bagħtna lill-Ministru Silvio Schembri. Kellna risposta mingħajr soluzzjoni. Kien hemm qbil li nerġgħu ngħaddu l-ilment lid-diriġenti tal-Maltapost. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 2 | 8 | 12.02.17 | Viċi-Sindku - Vannijiet elettriċi | Is-Sindku qalet li fid-19 ta' Diċembru ġie ffirmat l-ftehim mal-Active Ageing Malta fejn kienu preżenti l-Ministri l-Onor Joe Etiene Abela kif ukoll l-Onor Owen Bonnici. Dan ser jintuża sabiex jingħata servizz mis-Silver T. Rigward il-vann l-ieħor saret proposta lill-Care Malta sabiex dan jinkera lilhom għall-amont ta' €6000 fis-sena, iħallsu l-insurance u jekk ikun hemm liċenzja kif ukoll jagħmlu tajjeb għal xi ħsarat li jista' jkun hemm. S'issa waslu €5,000 mill-grant u kif isir ir-rapport finali nieħdu l-€20,000 li baqa' jitħallsu. | Sindku / Fenech |
| 01. | 2 | 9 | 12.03.01 | Sindku: 90 sena anniversarju tal-Għaqda Banda Żejtun | Is-Sindku qalet li rridu nsibu l-okkażżjoni sabiex din il-memento tingħata lill-Għaqda. | Sindku |
| 01. | 2 | 10 | 12.03.03 | Proġett ta' Slow Streets | Is-Sindku ser tiċċekja jekk il-laqgħa skedata għall-11 ta' Jannar hux ser issir. | Sindku |
| 01. | 2 | 11 | 12.03.04 | *Unloading Bay* fi Triq Alfred Cachia Zammit | Is-Sindku qalet li saret talba lil TM sabiex isiru l-bollards fi Triq Hector Dalli minħabba pparkjar ħażin fit-tarf tat-triq. | Sindku |
| 01. | 2 | 12 | 12.04.08 | Sindku: Siġra tal-Milied | Is-Sindku qalet li din is-siġra intramat fil-Kunsill pero ma kinx hemm konkorrenza tajba. Xtaqet li nġabu iktar rigali sabiex jittieħdu għall-attivita' li saret quddiem Kastilja. | Sindku |
| 01. | 2 | 13 | 12.02.18 | Caruana Raymond: Sprall | Caruana qal li hemm sprall fi Triq il-President Anton Buttigieg li qed iħabbat u jrid jiġi rranġat. Qal ukoll li hemm bżonn jitwaħħlu l-bollards. Is-Sindku qalet li diġa bagħtna l-TM u tawna kelma li ser isiru. | |
| 01. | 2 | 14 | 12.02.21 | Viċi-Sindku: Tiżjin fejn il-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena | Il-Viċi-Sindku staqsiet għala dan ma sarx. Is-Sindku qalet li l-kuntrattur inqabad bla nies u xegħel xi ftit tard iktar mis-soltu. | |
| 01. | 2 | 15 | 12.06.01 | Viċi-Sindku: Party tal-Milied | Il-Viċi-Sindku qalet li kien hemm inviti li waslu tard u tal-Laċċi baqgħu ma rċivewhx. | |
| 01. | 2 | 16 | | Camilleri | Camilleri qalet li l-vouchers għaddew lill-skejjel. | |

**01 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML01/24. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 3 | 1 | | Sindku: Laqgħa Pubblika | Is-Sindku qalet sabiex kulħadd jaħseb għa-rapport amministrattiv għas-sena 2023. | |
| 01 | 3 | 2 | | Sindku: Pusses tal-Arċipriet il-ġdid | Is-Sindku staqsiet min ser jattendi għal-okkażżjoni tal-pusses u s'issa ikkonfermaw il-Is-Sindku, Viċi-Sindku, Fenech, Caruana Roderick, Caruana Roderick, Chircopu Camilleri. | |
| 01 | 3 | 3 | | Sindku: Xogħol f'Ħal Tmin | Is-Sindku qalet li x-xogħol reġa kompla peress li waqaf għall-żmien il-Milied. | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 3 | 4 | Sindku: Triq id-Daħla ta' San Tumas | Is-Sindku qalet li x-xogħol dalwaqt jibda. Ser issir laqgħa dwar it-traffic management peress li parti mit-triq trid tingħalaq sakemm isir ix-xogħol. Ser issir it-triq, jinbidlu l-bankini u d-dawl tat-triq. Dan ser isir minn IM. Ser issir trinka biex jgħaddu low voltage cables minn Triq il-Qadi sa Triq il-Faqqus. Isiru l-bankini u s-servizzi tal-ilma u jingħata wiċċ ġdid lil din it-triq. | |

**01. 4.** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 4 | 1 | | Caruana Raymond: *Reserved Parking* | Caruana staqsa għala tneħħa r-reserved parking. Dan wara li ġew ivverifikati minn TM li din mhux tintuża min persuna awtorizzata. | |
| 01. | 4 | 2 | | Caruana Roderick: Un/Loading Bay | Caruana qal li l-Lasco Supermarket talbu li jiġu refreshed l-linji tal-un/loading bay. Sibna l-korrispondenza bl-approvazzjoni ta' TM u ser jitwaħħlu t-tabelli. | |
| 01. | 4 | 3 | | Chircop: Restawr | Chircop qal li r-restawr fuq il-Kapella ta' San Klement kien hemm problema u ħajt minnhom mhux ser isir minħabba aċċess mill-ġirien. Dan peress li ma tawx permess sabiex jidħlu l-ħaddiema. | |
| 01. | 4 | 4 | | Caruana Ray: Triq l-Aħħar Ħbit tat-Torok | Caruana qal li hemm ħafna ħmieġ. Qal ukoll li kien hemm persuna tieħu ħsiebha. Talab jistax ikun hemm persuna minn naħa tal-Cleansing Department. | |
| 01. | 4 | 5 | | Viċi-Sindku: Triq Toni Zahra | Il-Viċi-Sindku qalet li hemm ħofra li qedha perikoluża. Qalet li hemm parti minn din it-triq li qatt ma saret u ilna nitolbu lill-IM sabiex isir extended patching. | |
| 01. | 4 | 6 | | Viċi-Sindku: Refreshing | Qalet li hemm bżonn refreshing fi Triq Dun Mikiel Cassar numru 28. | |
| 01. | 4 | 7 | | Viċi-Sindku: Ta' Tavlin | Qalet li kienet għaddiet ilment dwar problema tal-ilma. | |

**01. 5.** **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 5 | 1 | | | Ma kinx hemm iktar x'jiġi diskuss. | |

**01. 6.** **Performance Bonus tal-ħaddiema;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 6. | 1 | | | Kien hemm qbil unanimu li l-*performance bonus* għandu jingħata l-massimu, jiġifieri dak ta' 6% lill-ħaddiema klerikali u 10% lis-Segretarju Eżekuttiv. | |

**01. 7.** ***Laqgħa Pubblika;***

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 7 | 1 | | | Ġie maqbul li l-laqgħa pubblika issir it-Tnejn, 16 ta' Frar 2024 fil-5.30pm. | |

**01. 8. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 8. | 1 | | Fenech: Blood Donation Unit | Fenech qalet li fl-24 ta' Diċembru ser jiġi l-Blood Donation Unit. | |
| 09. | 8. | 2 | 12.07.01 | | Din l-attivita' ġiet kanċellata. | |
| 09. | 8. | 3 | | Fenech | Fenech qalet li fit-13 ta' Marzu ser issir sezzjoni one to one miċ-Chinese Clinic. Ser nistiednu lill-President ta' Malta għall-din l-attivita'. | |
| 09. | 8. | 4 | | Viċi-Sindku: Wirja | Il-Viċi-Sindku qalet li l-wirja ttellgħat bejn is-16 u t-18 ta' Diċembru. Żaruha l-Onor Ministru Owen Bonnici u l-eċċellenza tiegħu President ta' Malta.Il-Ministru Bonnici ser ikun qed jgħin sabiex isir ir-restawr tal-presepju mekkanizżat | |
| 09. | 8. | 5 | | Viċi-Sindku: Party tal-Milied | Il-Party tal-Milied tal-Kids Club sar fit-23 ta' Diċembru u kien tajjeb ħafna. | |
| 09. | 8. | 6 | | Viċi-Sindku: Pantomima | Qalet li din saret u kienet suċċess. Kien hemm attendenza tajba ħafna u n-nies ħadu pjaċir. | |
| 09. | 8. | 7 | | Viċi-Sindku: Hike | Qalet li ser isir hike fis-27 ta' Jannar. | |
| 09. | 8. | 8 | | Viċi-Sindku: Weekend Break | Qalet li dan ser isir bid-dati jitħabbru iktar tard. | |
| 09. | 8. | 9 | | Viċi-Sindku: Jum il-Mara | Qalet li ser issir attivita' għal Jum il-Mara f'Marzu. | |
| 09. | 8. | 10 | | Viċi-Sindku: Korsijiet | Ser isiru korsijiet taċ-ċombini, ħjata, fuħħar *water colours*, *make-up*, ganċ, *embroidery* u knitting. | |

**01. 11. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 11. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 01/24 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01. | 11. | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 01/24 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01. | 11. | 3 | | *Petty Cash* - Diċembru 2023 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Diċembru 2023 hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €215.45 | Segretarju Eżekuttiv |

**01 12 Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 12 | 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet mressqa. | |

**01 13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-8:10pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 19 ta' Frar 2024 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |